# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu tas-sena 2002.**

**Numru 15**

**Avviz numru 254/01/SM**

**Atlas Insurance Agency Limited f'isimha propju u bhala agent Malta tas-socjeta' estera AXA Insurance p.l.c. gia Guradian Royal Exchange Assurance p.l.c., surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha s-socjeta' Michael Attard Limited.**

**vs**

**Seam Malta Company Limited bhala armaturi tal-bastiment Maltese Falcon u The Chargo Handling Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-30 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici nomine sejhet lis-socjetajiet konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

1. **Ihallsu, jew min minnhom, lis-socjeta' attrici, in linea ta' danni, is-somma komplessiva ta' hames mija sitta u hamsin lira (LM556) kwantu ghal hames mitt lira (LM500) bhala agent kif fuq premess wara li h allset dak l-ammont favur l-assikurat taghha Michael Attard Limited kif obbligata ghan-nuqqas u hsarat li garrab f'konsenja ta' sebgha u tletin (37) vettura Peugeot li waslu Malta fl-10 t'April 2000 fuq il-bastiment Maltese Falcon wara liema hlas kienet debitament surrogata fid-drittijiet tal-importatur, u kwantu ghal sitta u hamsin Lira (LM56) bhala survey fees li sborsat de proprio ghall-accertament tad-danni – prevja d-dikjarazzjoni li ghall-imsemmi nuqqas u hsarat kienu responsabbli s-socjetajiet konvenuti – jew min minnhom;**

2. **Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra s-socjetajiet konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Sea Malta Company Limited datata t-2 ta' Mejju tas-sena 2001 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

1. **Fl-ewwel lok, illi d-danni reklamati ma jirrizultawx mit-Tally Sheet rilevanti, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. A;**

2. **Fit-tieni lok il-klawzola tal-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu ghat-tenur ta' liema s-socjeta' konvenuta ma hiex responsabbli ghad-danni reklamanti;**

3. **Fit-tielet lok it-talba tas-socjeta' attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda;**

**4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**5. Bl-ispejjez;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' "The Cargo Handling Company Limited" datata t-3 ta' Mejju tas-sena 2001 li permezz taghha din is-socjeta' eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova illi l-allegati danni u nuqqasijiet sehhew waqt li l-vetturi de quo kienu taht il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta' eccipjenti u li l-istess vetturi gew konsenjati lilha minghajr l-istess danni u nuqqasijiet;**

2. **Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' eccipjenti mhix responsabbli ghall-allegati danni u nuqqasijiet lamentati izda dejjem qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi;**

3. **Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;**

4. **Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-kaz odjern jirrigwarda konsenja ta' seba' u tletin (37) vettura tal-marka Peugeot permezz tal-vapur "Maltese Falcon" li dahal Malta fl-10 t'April tas-sena 2000;**

2. **Illi skond it-"tally sheet" appozita jirrizulta li tnejn minn dawn il-vetturi kienu minghajr**

**“aerial” u vettura ohra kienet minghajr il-“handle” tat-tieqa ta’ gewwa’**

3. **Illi pero’ skond il-“gate pass out” datat il-11 t’April tas-sena 2000 jirrizulta li l-hsara fil-vetturi zdiet konsiderevolment;**

4. **Illi l-hsara komplessiva sofferta mill-vetturi fuq riferiti li ghaliha ghamlet tajjeb is-socjeta’ attrici ammontat ghal erba’ mija u hamsa u tletin lira Maltin u ghaxar centezmi, (LM435.10,0), oltre s-“survey fees” li fil-kaz specifiku jammonta ghall-tmienja u ghoxrin Lira Maltin, (LM28.00,0);**

5. **Illi s-socjeta’ attrici giet surrogata skond il-ligi;**

**Illi konstatat dan jirrizulta assodat li s-socjetajiet konvenuti huma responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta’ attrici nomine li ghamlet tajjetb ghad-danni sofferti mis-socjeta’ importatrici;**

**Illi in vista tal-premess din il-qorti tiddeciedi ghalhekk li:**

1. **Tiddikjara lis-socjetajiet konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta’ attrici nomine;**

2. **Tillikwida d-danni komplessivi sofferti mis-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ erba’ mija u hamsa u tletin Lira Maltin u ghaxar centezmi, (LM435.10,0);**

3. **Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti biex fin-nuqqas ta’ precizjoni processwali jhallsu d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici nomine arbitrio boni viri bil-mod segwenti:**

   a. **“Sea Malta Company Limited”:**
   **fl-ammont ta’ mitt Lira Maltin (LM100.00,0) u bl-imghaxijiet relattivi skond il-ligi;**

   b. **“The Chargo Handling Company Limited:**
   **fl-ammont ta’ tlett mija u hamsa u tletin Lira Maltin u ghaxar centezmi (LM335.10,0), u bl-imghaxijiet relattivi skond il-ligi;**

c. **Bl-ispejjez jinqasmu bejn is-socjetajiet konvenuti kwantu ghal terz ghas-"Sea Malta Company Limited" u kwantu ghall-zewg terzi ghall-"The Cargo Handling Company Limited".**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**